RABAT

### *KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F52**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis 10 ta' Jannar 2013 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segrètarju Ezekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**Sospensjoni tal-laqgħa**

Fl-assenza tas-Sindku Alexander Craus, il-Vici Sindku Doris Coleiro tablet is-sospensjoni tal-laqgha sabiex jigi diskuss *item* 13 fuq l-agenda. Hija talbet lill-perit tal-kunsill is-Sur Daniel Micallef sabiex jipprezenta r-rapport ta' aggudikazzjoni u jaghti spjega tieghu.

Wara dan, il-kamra irritornat lura ghas-seduta u tkompliet l-agenda b'*item* 13.

** Is-Sindku Alexander Craus dahal ghal-laqgha fis-7.10 p.m.

**13.00 Għażla tat-*Tender* RLC/T/120/12 - *Playing field* ta' Misraħ Patri Martin Caruana, Baħrija**

Wara diskussjoni li saret dwar r-rapport ta' aggudikazzjoni mhejji mil-perit tal-kunsill – is-Sur Daniel Micallef, kien hemm qbil li l-Kunsill ghandhu joqghodu fuq ir-rakomandazzjoni tal-perit tal-kunsill u ghalhekk il-Kunsill qabel li din it-*tender* ghandha tinghata lil JGC Ltd. Kopja tar-rapport tal-perit tinsab annessa ma'

Għażla tat-*Tender* RLC/T/120/12 - *Playing field* ta' Misraħ Patri Martin Caruana, Baħrija



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

dawn il-minuti.

| | | |
|---|---|---|
| **1.00** | **Qari u approvazzjoni tal-Minuti F51** | |
| 1.01 | Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F51 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti gew approvati. | Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F51 |
| **2.00** | **Korrezzjonijiet F51** | |
| 2.01 | Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. | Korrezzjonijiet F51 |
| **3.00** | **Punti li johorgu mill-Minuti F51** | |
| 3.01 | 3.01 Is-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-kunsill l-proposti u l-pjanti mhejjijha mil-perit tal-Kunsill, is-Sur Daniel Micallef. | *Embellishment* tal-Monument ta' San Guzepp |
| **4.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza** | |
| 4.01 | Is-Sidku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 60/2012 dwar allegati abbuzi fil-lokalitajiet fuq id-dwal tat-toroq.<br>Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu laqgha mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jigu diskussi l-problemi tal-lokalita` dwar dan is-suggett. | Memo 60/2012 dwar allegati abbuzi fil-lokalitajiet fuq id-dwal tat-toroq. |
| 4.02 | Is-Sindku informa l-laqgha li kien ircieva ittra minghand il-kuntrattur *Gafa Saveway Cleaners Ltd*, fejn kien qed jinforma lil Kunsill li b'effett mil-1 ta' Jannar 2013 ir-rata ghas-servizz ta' *cleaner* kienet ser tizdiet ghal €5.53 is-siegha.<br>Il-Kunsill qabel li niktbu lil kuntrattur fejn ninfurmah li l-Kunsill mhux qed jaccetta ir-rata mitluba. | Zieda fir-rata ghas-servizz tal-*cleaner* |
| 4.03 | Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva petizzjoni dwar l-progett tat-tisbih tal-bandli, minghand il-Kunsill tal-Istudenti u l-Kumitat EkoSkola tal-Kullegg San Nikola, Skola Primarja Bahrija. Hu kompa billi qara l-petizzjoni u nforma l-laqgha li l-Kunsill diga informa lil dan il-kumitat lid an il-progett ser jinbeda fil-jiem li gejjin. | Petizzjoni dwar tisbih tal-bandli tal-Bahrija. |
| 4.04 | Is-Sindku Alexander Craus talb li jinxtara AC gdid ghar-*reception area*. Dan minhabba li kien aktar vijabli li jinxtara wiehed gdid milli jisewwa dak ezistenti. Isseconda din l-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill approva. | Xiri ta' AC ghar-*reception area* |
| 4.06 | Is-Sindku Alexander Craus talab lil kunsill biex japprova xoghol ta' tisbih go sqaq nru. 5 Triq Bir ir-Riebu. Is-Sindku pogga fuq l-mejda tal-kunsill, kwotazzjoni tax-xoghlijiet li ser jammontaw ghal €3,075. Il-Kunsill approva unanimament. | Xoghol ta' tisbih go sqaq Nru.5Triq Bir ir-Riebu |
| 4.05 | Is-Sindku pogga fuq l-mejda tal-kunsill, kwotazzjoni biex issir xoghol ghal tpoggija ta' planki go Gebel Ghomor. Is-Sindku nforma l-laqgha li saret talba mil-bdiewa sabiex dawn il-planki jergu issir mil-gdid minhabba li l-planki ezistenti soffrew diversi hsarat bil-maltemp. Il-Kunsill approva x-xoghlijiet skond il-kwotazzjoni. | Tpoggija ta' planki Gebel Ghomor |

| | | |
|---|---|---|
| 4.06 | Is-Sindku qal li kien rega wasal iz-zmien biex il-kunsill jgedded l-polza tal-assikurazzjoni tal-flus ghas-sena 2013. Il-'premium' huwa ta' €63. Il-Kunsill qabel li l-polza tigi mgedda. | Tigdid tal-polza tal-assikurazzjoni tal-flus - 2013 |
| **5.00** | **Komunikazzjoni mil-Kunsilliera** | |
| 5.01 | Il-Kunsillier Odette Manicaro nfurmat l-laqgha li go Triq Dun Nerik Bonnici l-Bahrija kien hemm sprall imkisser. | Sprall imkisser |
| 5.02 | Il-Kunsillier Nazju Cassar informa l-laqgha li kien hemm sprall perikoluz go Triq l-Kanonku Gatt Said hdejn *Peter the Poter.* | Sprall perikoluz |
| 5.03 | Il-Kunsillier Nazju Cassar sahaq dwar l-bzonn li parti mill-Wied tal-Isqof jinghata il-konkos. Issekonda din il-proposta s-Sindku Alexander Craus. | Konkos il-Wied tal-Isqof |
| 5.04 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li jinzabru s-sigar taz-zebbug ta' Vjal il-Haddiem u Triq Had-Dingli. | Zbir ta' sigar |
| 5.05 | Il-Kunsillier Paul Grech talb li issir manutenzjoni ta' Triq It-Tabija quddiem id-dar *Anante.* Hu qal li wara xogholijiet li saru mil-WSC it-triq nizlet. | Manutenzjoni ta' Triq It-Tabija |
| 6.00 | **Minuti tal-Laqgha Pubblika** | |
| 6.01 | Is-Sindku Sandro Craus ippropona li l-minuti tal-Laqgha Pubblika jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti gew approvati. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annesa ma' dawn il-minuti. | Minuti tal-Laqgha Pubblika |
| **7.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù A 26** | |
| 7.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu' A26 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Virtu' A25 |
| **8.00** | **Approvazzjoni Rapport Amministrattiv 2012** | |
| 8.01 | Is-Sindku Alexander Craus ipprezenta r-rapport amministrattiv fejn gie diskuss bejn il-Kunsilliera prezenti.<br>Ir-rapport amministrattiv gie approvat kif emendat. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Approvazzjoni tar-rapport amministrattiv |
| **9.00** | **Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet** | |
| 9.01 | Is-Sindku Alexander Craus talab li jinhareg il-pagament dovut lil *Alberta Fire & Security Equipment Ltd* li jammonta ghal €3,734.94 imbaghad jiddahhal fl-iskeda tal-pagamenti li jmiss. Dan minhabba li dawn il-pagament ma lahaqx iddahhal mal-iskeda tal-hlasijiet numru 216. Il-Kunsill approva. | Hrug ta' pagamenti dovuti *Alberta Fire & Security Equipment Ltd* |
| 9.02 | Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 216 tigi | L-iskeda tal-hlasijiet numru 216 |

approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech.

**10.00 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Jannar – Ġunju 2013)**

10.00 Is-Sindku pprezenta l-programm tal-Hargiet ghall-Anzjani ghal perjodu bejn Jannar – Gunju 2012 li hejjiet il-Vici Sindku Doris Coleiro. Huwa talb lil Vici Sindku Doris Coleiro biex taghti spjegazzjoni aktar fid-dettal tal-programm. Il-Kunsill qabel unanimament.

Programm Hargiet ghall-Anzjani

**11.00 Pjan ta' Ħidma għal tliet snin**

11.00 Is-Sindku Alexander Craus talab lill-Kunsilliera sabiex jibghatu l-proposti taghhom mill-aktar fis possibbli sabiex jigu sottomessi waqt s-seduta li jmiss tal-kunsill.

Pjan ta' hidma ghal tlett snin

**12.00 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati**

12.01 Wara diskussjoni li saret dwar l-*performance* tal-impjegati l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li jinghata l-massimu tal-*Performance Bonus* lill-impjegati kollha. Din l-proposta gie ssekonda mill-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill approva Nem. Con.

*Performance Appraisal* tal-impjegati

12.02 Is-Segretarju Ezekuttiv skuzat ruha mill-kamra.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li s-Segretarju Ezekuttiv ghandha tinghata l-massimu tal- *Performance Bonus.* Is-Sindku irrimarka li x-xoghol maghmul mis-Segretarju Ezekuttiv kien ta' livel gholi. Il-Kunsill approva Nem. Con.

*Performance Appraisal* tas-Segretarju Ezekuttiv

**14.00 Aggornament**

14.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2013 fis-7.00 p.m.

Aggornament

14.02 Il-laqgha ntemmet fil-8.30 p.m

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**